SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

14 ta' Ġunju 2016 *

"Appell — Miżuri ta' konservazzjoni ta' riżorsi u ristrutturar tas-settur tas-sajd — Talbiet għal żieda tat-tunnellaġġ ta' sigurtà — Annullament mill-qrati tad-deċiżjoni inizjali ta' ċaħda — Kompetenza u bażi legali għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet ġodda — Annullament mill-Qorti Ġenerali ta' deċiżjonijiet ġodda ta' ċaħda — Prinċipju ta' ċertezza legali"

Fil-Kawża C-361/14 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentat fil-25 ta' Lulju 2014,

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn A. Bouquet u A. Szmytkowska, bħala aġenti, assistiti minn B. Doherty, barrister,

rikorrenti,

il-partijiet l-oħra fil-proċedura huma:

Peter McBride, residenti f'Downings (L-Irlanda),

Hugh McBride, residenti f'Downings,

Mullglen Ltd, stabbilita f'Largy (L-Irlanda),

Cathal Boyle, residenti f'Fiafannon (Irlande),

Thomas Flaherty, residenti f'Kilronan (Irlande),

Ocean Trawlers Ltd, stabbilita f'Killybegs (L-Irlanda),

Patrick Fitzpatrick, residenti f'Killeany (L-Irlanda),

Eamon McHugh, residenti f'Killybegs,

Eugene Hannigan, residenti f'Killybegs,

Larry Murphy, residenti f'Castletownbere (L-Irlanda),

Brendan Gill, residenti f'Lifford (L-Irlanda),

rikorrenti fl-ewwel istanza,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

irrappreżentati minn N. Travers, SC, D. Barry, solicitor, u E. Barrington, SC,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn K. Lenaerts, President, M. Ilešič, L. Bay Larsen, T. von Danwitz, A. Arabadjiev, C. Toader, D. Šváby u C. Lycourgos, Presidenti tal-Awla, A. Rosas, A. Borg Barthet (Relatur), M. Safjan, M. Berger, A. Prechal, E. Jarašiūnas u C.G. Fernlund, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,

Reġistratur: L. Hewlett, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-1 ta' Settembru 2015,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2016,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħha, il-Kummissjoni Ewropea titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-13 ta' Mejju 2014, McBride *et* vs Il-Kummissjoni (T-458/10 sa T-467/10 u T-471/10, mhux ippubblikata, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2014:249, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata"), li permezz tagħha din tal-aħħar annullat id-deċiżjonijiet C (2010) 4758, C (2010) 4748, C (2010) 4757, C (2010) 4751, C (2010) 4764, C (2010) 4750, C (2010) 4761, C (2010) 4767, C (2010) 4754, C (2010) 4753 u C (2010) 4752 tal-Kummissjoni, tat-13 ta' Lulju 2010 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjonijiet kontenzjużi"), li jiċħdu t-talba mressqa mill-Irlanda maħsuba sabiex jitkattru l-għanijiet tal-programm ta' orjentazzjoni multannwali IV (iktar 'il quddiem il-"PGM IV") bil-għan li jittieħed inkunsiderazzjoni t-titjib fil-qasam tas-sigurtà mabut mal-bastimenti ta' Peter McBride u Hugh McBride, ta' Mullglen Ltd, ta' Cathal Boyleu Thomas Flaherty, ta' Ocean Trawlers Ltd, ta' Patrick Fitzpatrick, Eamon McHugh, Eugene Hannigan, Larry Murphy u Brendan Gill (iktar 'il quddiem "McBride *et*").

Il-kuntest ġuridiku

2 Skont l-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/413/KE, tas-26 ta' Ġunju 1997, li tikkonċerna l-għanijiet u l-modalitajiet għar-ristrutturar tas-settur tas-sajd Komunitarju għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 1997 u l-31 ta' Diċembru 2001 bil-ħsieb li jinkiseb bilanċ fuq bażi sostenibbli bejn ir-riżorsi u l-esplojtazzjoni tagħhom (ĠU 1997, L 175, p. 27) :

"Fil-Programmi ta' Gwida Multiannwali għall-Istati Membri, iż-żidiet fil-kapaċità li jirriżultaw esklużivament minn titjib fis-sigurtà għandhom jiġġustifikaw, abbażi ta' każ każ, żieda bl-istess ammont tal-għanijiet għal segmenti tal-flotta fejn ma jżidux l-isforz għas-sajd tal-bastimenti kkonċernati." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

3 Fir-rigward tal-proċeduri ta' applikazzjoni tal-imsemmija deċiżjoni, l-Artikolu 10 ta' din tal-aħħar jagħmel riferiment għall-Artikolu 18 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3760/92, tal-20 ta' Diċembru 1992, li jistabbilixxi sistema Komunitarja għas-sajd u l-akkwakultura (ĠU L 389, p. 1) li jipprovdi għal konsultazzjoni ta' kumitat ta' ġestjoni tas-settur tas-sajd u l-akkwakultura.

4 L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/70/KE, tat-28 ta' Jannar 2002, li temenda d-Deċiżjoni 97/413 (ĠU 2002, L 31, p. 77), jipprovdi li l-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni 97/413 huwa ssotitwit bit-test li ġej:

"Mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2002, l-isforz tas-sajd ta' kull Stat Membru għandu jitnaqqas [...]"

5 L-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni 97/413 tħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2002 bid-Deċiżjoni 2002/70.

6 Skont il-punt 3.3 tal-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/125/KE, tas-16 ta' Diċembru 1997, li tapprova l-programm multiannwali ta' gwida tal-flotta tas-sajd tal-Irlanda għall-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 1997 u l-31 ta' Diċembru 2001 (ĠU 1998, L 39, p. 41):

"L-Istati Membri jistgħu f'kull ħin jissottomettu programm ta' titjib tas-sigurtà. Konformement mad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 3 u 4 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/413/KE, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi jekk żieda fil-kapaċità prevista minn programm bħal dan tiġġustifikax żieda korrispettiva fl-għanijiet tal-PGM IV.

[...]"

7 L-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2792/1999, tas-17 ta' Diċembru 1999, li jippreskrivi r-regoli u l-arranġamenti dettaljati rigward l-għajnuna Komunitarja strutturali fis-settur tas-sajd (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 4, Vol. 4, p. 179) jistabbilixxi li:

"1. It-tiġdid tal-flotta u l-modernizzazzjoni tal-bastimenti tas-sajd għandhom jiġu organizzati skont dan it-titolu.

Kull Stat Membru għandu jissottometti lill-Kummissjoni, għall-approvazzjoni bi qbil mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 23(2), arranġamenti permanenti sabiex jimmonitorjaw it-tiġdid u l-modernizzazzjoni tal-flotta tas-sajd. Ġewwa l-qafas ta' dawn l-arranġamenti l-Istati Membri għandhom juru illi d-dħul u l-ħruġ mill-flotta jiġi maniġġjat b'tali mod illi l-kapaċità ma taqbiżx l-għanijiet annwali fissati fil-programm multi-annwu ta' gwida, fuq il-flotta kollha u għall-partijiet minnha interessati, jew fejn xieraq illi kapaċità tas-sajd tiġi mnaqqsa bil-mod il-mod sabiex jinkisbu dawn l-għanijiet.

Dawn l-arranġamenti għandhom, partikolarment, iqisu illi ma tistax titreġġa' lura l-kapaċità, għajr dik ta' bastimenti ta' tul ġenerali inqas minn 12-il metru minbarra l-bastimenti tat-tkaxkir irtirati bil-għajnuna pubblika.

2. L-Istati Membri jistgħu jissottomettu talba għal żieda identifikata u kwantifikata biċ-ċar fl-għanijiet tal-kapaċità għal miżuri illi jtejbu s-salvagward, in-navigazzjoni fuq il-baħar, l-iġjene, il-kwalità tal-prodott u l-kondizzjonjiet tax-xogħol basta iżda illi dawn il-miżuri ma jwasslux għal żieda fir-rata ta' l-isfruttament tar-riżorsi involuti.

Talba bħal din għandha tiġi eżaminata mill-Kummissjoni u approvata bi qbil mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 23(2). Kull żieda fil-kapaċità għandha tiġi maniġġjata mill-Istati Membri skont l-arranġamenti permanenti riferiti fil-paragrafu 1."

8 L-imsemmi Artikolu 6 tħassar mill-Artikolu 1(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2369/2002, tal-20 ta' Diċembru 2002, li jemenda r-Regolament Nru 2792/1999 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 4, Vol. 5, p. 450) sa mill-1 ta' Jannar 2003.

Il-fatti li wasslu għall-kawża

9 Bejn l-1 ta' Novembru u l-14 ta' Diċembru 2001, McBride *et* ressqu quddiem id-Department of Communications, Marine & Natural Resources (Dipartiment tal-komunikazzjonijiet, tar-riżorsi tal-baħar u naturali, L-Irlanda) talbiet għal żieda fil-kapaċità għall-bastimenti tas-sajd tagħhom, minħabba titjib fil-qasam tas-sigurtà skont l-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni 97/413.

10 Insostenn ta' dawn it-talbiet individwali, id-Dipartiment tal-komunikazzjonijiet, tar-riżorsi tal-baħar u naturali talab lill-Kummissjoni, permezz ta' ittra tal-14 ta' Diċembru 2001, żieda fil-kapaċità ta' 1 304 tunellata gross fis-settur polivalenti u ta' 5 335 tunellata gross fis-settur pelaġiku tal-flotta Irlandiża skont l-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni 97/413 (iktar 'il quddiem it-"talba inizjali").

11 Fl-4 ta' April 2003, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2003/245/KE dwar it-tabliet li rċeviet il-Kummissjoni sabiex iżżid l-għanijiet tal-PMG IV bil-għan li jiġu mtejba s-sigurtà, in-navigazzjoni fuq il-baħar, l-iġjene, il-kwalità tal-prodotti u l-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-bastimenti ta' tul ġenerali ta' iktar minn tnax-il metru (ĠU L 90, p. 48, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni inizjali"). Il-bastimenti ta' McBride *et* kienu jinsabu kollha fl-Anness II ta' din id-deċiżjoni li, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 ta' din tal-aħħar, kien jenumera t-talbiet miċħuda mill-Kummissjoni.

12 Id-deċiżjoni inizjali kienet ibbażata fuq l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 97/413 kif ikoll fuq l-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 2792/1999.

13 Id-deċiżjoni inizjali ġiet suġġetta għal diversi rikorsi għal annullament li taw lok għas-sentenza tat-13 ta' Ġunju 2006, Boyle *et* vs Il-Kummissjoni (T-218/03 sa T-240/03, EU:T:2006:159), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali annullat din tal-aħħar safejn din kienet tapplika għall-bastimenti ta' P. McBride u H. McBride, ta' Mullglen, ta' Boyle, Fitzpatrick, McHugh, Hannigan u Gill. Din ikkunsidrat li l-Kummissjoni kienet adottat kriterji mhux previsti mil-leġiżlazzjoni applikabbli u marret lil hinn mill-kompetenzi tagħha. Permezz ta' ittra tal-14 ta' Ġunju 2006, il-proprjetarji tal-bastimenti kkonċernati talbu lill-Kummissjoni tadotta deċiżjoni ġdida skont il-kriterji stabbiliti f'dik is-sentenza.

14 Is-sentenza tat-13 ta' Ġunju 2006, Boyle *et* vs Il-Kummissjoni (T-218/03 sa T-240/03, EU:T:2006:159), ġiet appellata, liema appell ta lok għas-sentenza tas-17 ta' April 2008, Flaherty *et* vs Il-Kummissjoni (C-373/06 P, C-379/06 P u C-382/06 P, EU:C:2008:230), li permezz tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja annullat, għall-istess raġunijiet bħal dawk esposti fl-imsemmija sentenza, id-deċiżjoni inizjali sa fejn din kienet tapplika għall-bastimenti ta' T. Flaherty, ta' Ocean Trawlers u ta' L. Murphy.

15 Permezz ta' ittra elettronika tal-25 ta' April 2008, ir-rappreżentant ta' McBride *et* talab lill-Kummissjoni rendikont tal-passi li hija kienet ħadet sabiex timplementa s-sentenza tat-13 ta' Ġunju 2006, Boyle *et* vs Il-Kummissjoni (T-218/03 sa T-240/03, EU:T:2006:159).

16 It-talbiet ta' McBride *et* ġew segwiti minn diversi skambji ta' korrispondenza bejn l-Irlanda u l-Kummissjoni. Din tal-aħħar talbet lill-Irlanda b'mod partikolari għal informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi tekniċi tal-bastimenti inkwistjoni.

17 Permess tad-deċiżjonijiet kontenzjużi, il-Kummissjoni għal darb'oħra ċaħdet it-talba inizjali sa fejn din tikkonċerna l-bastimenti ta' McBride *et*. Hija kkunsidrat:

— fir-rigward tal-bastimenti ta' P. McBride u H. McBride kif ukoll ta' Fitzpatrick u Hannigan, li s-sostituzzjoni ta' diversi bastimenti ta' daqs iżgħar minn wieħed ġdid ma kinitx wasslet għal żieda fil-kapaċità totali tas-settur polivalenti tal-flotta Irlandiża, b'tali mod li l-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni ma kienx japplika;

— fir-rigward tal-bastimenti ta' Mullglen, ta' Boyle u Flaherty, ta' Ocean Trawlers kif ukoll ta' McHugh u Murphy, li ż-żieda fit-tunellaġġ tal-bastimenti l-ġodda ma kinitx tirriżulta esklużivament minn titjib fil-qasam tas-sigurtà u kienet wasslet għal żieda tal-isforz tas-sajd, u

— fir-rigward tal-bastiment ta' B. Gill, li ż-żieda fit-tunellaġġ li permezz ta' estensjoni tal-bastiment ma kinitx tirriżulta esklużivament minn titjib fil-qasam tas-sigurtà u kienet wasslet għal żieda tal-isforz tas-sajd.

18 Il-Kummissjoni indikat ukoll fid-deċiżjonijiet kontenzjużi li ma kienx għad hemm bażi legali speċifika għal dawn tal-aħħar peress li l-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni 97/413 kien tħassar mill-Artikolu 1(3) tad-Deċiżjoni 2002/70, u li dan ma ġiex issostitwit minn dispożizzjoni ekwivalenti. Konsegwentement, hija speċifikat ġiet kostretta tadotta deċiżjoni *ad hoc* b'aplikazzjoni tar-regoli bażiċi fis-seħħ fid-data tat-talba inizjali.

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza kkontestata

19 Permezz ta' rikorsi ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-27 u fit-28 ta' Novembru 2010, McBride *et* ippreżentaw rikorsi intiżi għall-annullament tad-deċiżjonijiet kontenzjużi.

20 Insostenn tar-rikors tagħhom, McBride *et* invokaw sitt motivi, ibbażati fuq l-assenza ta' bażi legali, fuq ksur tal-forom sostanzjali, fuq interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni 97/413, fuq żball manifest fl-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, fuq ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

21 Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Kummissjoni ma kinitx kompetenti sabiex tadotta d-deċiżjonijiet kontenzjużi u laqgħet l-ewwel motiv sa fejn dan kien jinvoka l-kwistjoni tan-nuqqas ta' kompetenza ta' din l-istituzzjoni. Konsegwentement hija annullat id-deċiżjonijiet kontenzjużi mingħajr ma eżaminat il-motivi l-oħra.

It-talbiet tal-partijiet

22 Permezz tal-appell tagħha, il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza appellata;

— tiċħad l-appell u, fi kwalunkwe każ, l-ewwel aggravju;

— sussidjarjament, tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali; u

— tikkundanna lil McBride *et* għall-ispejjeż tal-proċedura tal-appell u ta' dik quddiem il-Qorti Ġenerali.

23 McBride *et* jitlobu lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiċħad l-appell;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż;

— sussidjarjament, tannulla s-sentenza appellata, tilqa' l-appell, b'mod partikolari l-ewwel u t-tieni aggravju invokati insostenn ta' dan tal-aħħar, u tannulla d-deċiżjonijiet kontenzjużi, jew, b'mod iktar sussidjarju, tannulla s-sentenza u tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, u tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tal-proċedura tal-appell u ta' dik quddiem il-Qorti Ġenerali.

Fuq l-appell

24 Insostenn tal-appell tagħha, il-Kummissjoni invokat żewġ aggravji bbażati, l-ewwel wieħed, fuq interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljati mill-Qorti Ġenerali tal-Artikolu 266 TFUE, ikkunsidrati flimkien mal-prinċipju tal-għoti tal-kompetenzi, stabbilit fl-Artikolu 5(1) u (2) TUE u fl-Artikolu 13(2) TUE, kif ukoll il-prinċipju ta' ċertezza legali u, t-tieni, fuq nuqqas ta' motivazzjoni tas-sentenza appellata.

Fuq l-ewwel aggravju

L-argumenti tal-partijiet

25 Fl-ewwel lok, il-Kummissjoni, filwaqt li tagħmel riferiment f'dan ir-rigward għall-punt 27 tas-sentenza tas-26 ta' April 1988, Asteris *et* vs Il-Kummissjoni (97/86, 99/86, 193/86 u 215/86, EU:C:1988:199), tfakkar li l-Artikolu 266 TFUE jobbliga lill-istituzzjoni kkonċernata li teżegwixxi b'mod sħiħ is-sentenza li tkun annullat wieħed mill-atti tagħha, b'tali mod li hija għandha tieħu inkunsiderazzjoni d-dispożittiv ta' din is-sentenza, iżda wkoll il-motivi ta' din tal-aħħar li jimmanifestaw ir-raġunijiet speċifiċi tal-illegalità kkonstatata f'dan id-dispożittiv.

26 Hija ssostni li dan l-obbligu għandu jiġi rrikonċiljat b'mod partikolari mal-prinċipju ta' ċertezza legali, b'mod konformi ma' dak li ddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tas-26 ta' April 1988, Asteris *et* vs Il-Kummissjoni (97/86, 99/86, 193/86 u 215/86, EU:C:1988:199). Issa, fil-punti 43 u 44 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonċentrat, b'mod żbaljat, unikament fuq il-prinċipju tal-għoti tal-kompetenzi.

27 Il-Kummissjoni ssostni wkoll li l-Artikolu 266 TFUE għandu l-istess status bħal dak tal-prinċipju tal-għoti tal-kompetenzi, stabbilit fl-Artikolu 5(1) u (2) TUE u fl-Artikolu 13(2) TUE. Peress li dawn id-dispożizzjonijiet jinsabu fl-istess livell fil-ġerarkija tal-liġijiet, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta tat prijorità lill-prinċipju tal-għoti tal-kompetenzi meta mqabbel mal-obbligu naxxenti mill-Artikolu 266 TFUE.

28 Fit-tieni lok, il-Kummissjoni ssostni li l-obbligu tagħha skont l-Artikolu 266 TFUE, jiġifieri, f'dan il-każ, li tieħu deċiżjoni fir-rigward tat-talbiet li jikkonċernaw il-bastimenti ta' McBride *et* wara s-sentenzi tat-13 ta' Ġunju 2006, Boyle *et* vs Il-Kummissjoni (T-218/03 sa T-240/03, EU:T:2006:159), u tas-17 ta' April 2008, Flaherty *et* vs Il-Kummissjoni (C-373/06 P, C-379/06 P u C-382/06 P, EU:C:2008:230), ma setax jiġi injorat peress li l-leġiżlatur tal-Unjoni kien ħassar id-dispożizzjoni proċedurali li kienet tiddefinixxi kif l-istituzzjoni għandha taġixxi. B'hekk, hija applikat il-ġurisprudenza naxxenti mis-sentenzi tal-25 ta' Ottubru 2007, SP *et* vs Il-Kummissjoni (T-27/03, T-46/03, T-58/03, T-79/03, T-80/03, T-97/03 u T-98/03, EU:T:2007:317), u tad-29 ta' Marzu 2011, ArcelorMittal Luxembourg vs Il-Kummissjoni u Il-Kummissjoni vs ArcelorMittal Luxembourg *et* (C-201/09 P u C-216/09 P, EU:C:2011:190), marbuta mal-iskadenza tat-Trattat KEFA, li meta tiskadi bażi legali, ir-regoli materjali li jaqgħu taħtha jistgħu jkomplu japplikaw konġuntament mar-regoli tal-proċedura fis-seħħ fid-data tal-att ikkonċernat.

29 Il-Kummissjoni tammetti li l-Artikolu 266 TFUE ma kienx "jistabbilixxi mill-ġdid" bażi legali li kienet skadiet. Madankollu, hija żżid li l-imsemmija ġurisprudenza tissuġġerixxi li d-dritt tal-Unjoni jippermetti li bażi legali tiġi interpretata bil-għan li din tkun tista' tintuża għal finijiet limitati wara t-tħassir tagħha. Hija tispeċifika li din il-ġurisprudenza hija bbażata b'mod partikolari fuq il-prinċipji tal-kontinwità tal-ordinament ġuridiku u taċ-ċertezza legali. Għaldaqstant, l-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni 97/413 kien ikompli jagħti lill-Kummissjoni l-kompetenza sabiex tagħti deċiżjoni, fuq il-mertu, tat-talba inizjali. Għall-kuntrarju, fir-rigward tal-proċedura, il-fatt li din id-dispożizzjoni ma

kinitx għadha fis-seħħ wassal lill-Kummissjoni sabiex issegwi proċedura *ad hoc* mingħajr ma kkonsultat il-kumitat ta' ġestjoni tas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura, b'mod kuntrarju għal dan dak li kienet tipprevedi d-Deċiżjoni 97/413.

30 Fit-tielet lok, il-Kummissjoni tilmenta li l-Qorti Ġenerali adottat interpretazzjoni restrittiva wisq tal-prinċipju ta' ċertezza legali u li ma rrikonoxxietx li l-bażi legali tista' tkun impliċita. B'hekk, meta l-Qorti Ġenerali enfasizzat, essenzjalment, fil-punt 26 tas-sentenza appellata, in-neċessità li tiġi indikata l-bażi legali ta' att, hija injorat l-implikazzjonijiet l-oħra tal-prinċipju ta' ċertezza legali, fid-dawl tas-sentenza tad-29 ta' Marzu 2011, ArcelorMittal Luxembourg vs Il-Kummissjoni u Il-Kummissjoni vs ArcelorMittal Luxembourg *et* (C-201/09 P u C-216/09 P, EU:C:2011:190).

31 Barra minn hekk, meta l-Qorti Ġenerali qieset, essenzjalment, fil-punt 27 tas-sentenza appellata, li l-bażi legali ta' att għandha tkun fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni ta' dan tal-aħħar, filwaqt li għamlet riferiment għall-ġurisprudenza naxxenti mis-sentenzi tal-25 ta' Ottubru 2007, SP *et* vs Il-Kummissjoni (T-27/03, T-46/03, T-58/03, T-79/03, T-80/03, T-97/03 u T-98/03, EU:T:2007:317), u tad-29 ta' Marzu 2011, ArcelorMittal Luxembourg vs Il-Kummissjoni u Il-Kummissjoni vs ArcelorMittal Luxembourg *et* (C-201/09 P u C-216/09 P, EU:C:2011:190), hija ċċitat din il-ġurisprudenza b'mod inkomplet. Hija ma semmietx li, skont din tal-aħħar, huwa possibbli li bażi legali tiġi applikata fir-rigward tas-sustanza tagħha anki jekk din ma tkunx għadha fis-seħħ. L-eżistenza ta' din il-possibbiltà hija sostnuta mir-regoli ta' interpretazzjoni marbuta mal-prinċipju ta' effettività tad-dritt tal-Unjoni. B'hekk, f'dan il-każ, l-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni 97/413 jibqa' dejjem disponibbli bħala bażi legali impliċita għall-finijiet tal-eżekuzzjoni tas-sentenzi tat-13 ta' Ġunju 2006, Boyle *et* vs Il-Kummissjoni (T-218/03 sa T-240/03, EU:T:2006:159), u tas-17 ta' April 2008, Flaherty *et* vs Il-Kummissjoni (C-373/06 P, C-379/06 P u C-382/06 P, EU:C:2008:230).

32 Fir-raba' lok, il-Kummissjoni ssostni li, billi interpretat b'mod żbaljat l-Artikolu 266 TFUE, il-Qorti Ġenerali indirettament ippreġudikat l-effettività tar-rikors għal annullament previst mill-Artikolu 263 TFUE peress li s-sentenza appellata ħolqot *lacuna* fir-rimedju disponibbli għal McBride *et*.

33 Fil-ħames lok, il-Kummissjoni ssostni li s-sentenza appellata tippreġudika wkoll il-prinċipju ta' ċertezza legali. Minn naħa, billi tqis, fil-punt 35 ta' din is-sentenza, li l-Kummissjoni ma kellhiex bażi legali wara l-1 ta' Jannar 2003 sabiex tiddeċiedi t-talba inizjali jew it-talbiet mressqa wara s-sentenzi tat-13 ta' Ġunju 2006, Boyle *et* vs Il-Kummissjoni (T-218/03 sa T-240/03, EU:T:2006:159), u tas-17 ta' April 2008, Flaherty *et* vs Il-Kummissjoni (C-373/06 P, C-379/06 P u C-382/06 P, EU:C:2008:230), il-Qorti Ġenerali titfa' dubju dwar il-validità tad-deċiżjoni inizjali għall-operaturi tal-bastimenti li fir-rigward tagħhom id-deċiżjoni kienet favorevoli. Min-naħa l-oħra, is-sentenza kkontestata kienet toħloq ukoll inċertezza legali fir-rigward ta' deċiżjoni adottata fl-2010 li kienet favorevoli għal proprjetarju ta' bastiment, peress li din timplika li ma kinitx teżisti bażi legali fl-2010 għall-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni.

34 McBride *et* jitolbu ċ-ċaħda tal-ewwel aggravju.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

35 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-ewwel argument tal-Kummissjoni bbażat fuq l-obbligu tagħha skont l-Artikolu 266 TFUE, jeħtieġ li jitfakkar li, skont dan l-Artikolu, l-istituzzjoni li minnha joriġina l-att annullat hija obbligata li tadotta miżuri li tinvolvi l-eżekuzzjoni tas-sentenza li ddikjarat l-annullament ta' dan l-att. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, sabiex tikkonforma ruħha ma' tali sentenza u sabiex teżegwiha b'mod sħiħ, l-istituzzjoni kkonċernata hija obbligata li tosserva mhux biss id-dispożittiv ta' din is-sentenza iżda wkoll il-motivi li wasslu għal dan tal-aħħar u li jikkostitwixxu

s-sostenn neċessarju għalih, fis-sens li huma indispensabbli għad-determinazzjoni tas-sens eżatt ta' dak li ġie deċiż fid-dispożittiv (sentenza tas-26 ta' April 1988, Asteris *et* vs Il-Kummissjoni, 97/86, 99/86, 193/86 u 215/86, EU:C:1988:199, punt 27).

36 Madankollu, qabel l-adozzjoni ta' tali miżuri mill-istituzzjoni li minnha joriġina l-att annullat, tqum il-kwistjoni dwar il-kompetenza ta' din l-istituzzjoni, peress li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jistgħu jaġixxu biss fil-limiti tal-kompetenza tagħhom *ratione materiae*, kif ġie ġustament imfakkar mill-Qorti Ġenerali fil-punti 23 sa 25 tas-sentenza appellata.

37 Peress li d-Deċiżjoni 97/413 u l-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 2792/1999, li jawtorizzaw lill-Kummissjoni teżamina u tiddeċiedi talbiet għal żieda fit-tunnellaġġ ta' sigurtà, ġew imħassra u peress li l-ebda dispożizzjoni, lanqas tranżitorja, ma tawtorizza lill-Kummissjoni tadotta deċiżjonijiet ġodda, ma kinitx teżisti iktar fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, bażi legali adegwata li tippermetti lill-Kummissjoni tadotta d-deċiżjonijiet ikkontestati.

38 Barra minn hekk, kif iddeċidiet ġustament il-Qorti Ġenerali fil-punt 44 tas-sentenza appellata, l-obbligu li taġixxi, naxxenti mill-Artikolu 266 TFUE, ma jikkostitwixxix sors ta' kompetenza għall-Kummissjoni u lanqas jippermetti lil din tal-aħħar li tibbaża ruħha fuq bażi legali li fil-frattemp tħassret.

39 Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma tistax tinvoka utilment il-ġurisprudenza naxxenti mis-sentenza tas-26 ta' April 1988, Asteris vs Il-Kummissjoni (97/86, 99/86, 193/86 u 215/86, EU:C:1988:199), sabiex issostni li l-Qorti tal-Ġustizzja interpretat dak li attwalment jikkostitwixxi l-Artikolu 266 TFUE b'mod wiesa' u rrikonċiljat l-obbligu li taġixxi tal-Kummissjoni skont dan l-Artikolu mal-prinċipju ta' ċertezza legali. Fil-fatt, għalkemm huwa veru li, f'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li, wara s-sentenza ta' annullament tar-regolament inkwistjoni, il-Kummissjoni għandha mhux biss tadotta regolament ġdid li jikkorreġi l-illegalità kkonstatata, iżda wkoll tħassar din l-illegalità għall-futur, il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu ma tatx deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' bażi legali li tawtorizza lill-Kummissjoni taġixxi sabiex temenda r-regolament inkwistjoni għall-futur.

40 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-argument tal-Kummissjoni bbażat fuq l-applikazzjoni tal-ġurisprudenza naxxenti mis-sentenzi tal-25 ta' Ottubru 2007, SP *et* vs Il-Kummissjoni (T-27/03, T-46/03, T-58/03, T-79/03, T-80/03, T-97/03 u T-98/03, EU:T:2007:317), u tad-29 ta' Marzu 2011, ArcelorMittal Luxembourg vs Il-Kummissjoni u Il-Kummissjoni vs ArcelorMittal Luxembourg *et* (C-201/09 P u C-216/09 P, EU:C:2011:190), jirriżulta minn dik il-ġurisprudenza li, għalkemm l-osservanza tal-prinċipji li jirregolaw l-applikazzjoni *ratione temporis* tal-liġi kif ukoll ir-rekwiżiti marbuta mal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi jimponu l-applikazzjoni tar-regoli materjali fis-seħħ fid-data tal-fatti inkwistjoni anki meta dawn ir-regoli ma jkunux għadhom fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni ta' att mill-istituzzjoni tal-Unjoni, għall-kuntrarju, id-dispożizzjoni li tikkostitwixxi l-bażi legali ta' att u li tawtorizza lill-istituzzjoni tal-Unjoni li tadotta l-att inkwistjoni għandha tkun fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni ta' dan tal-aħħar. Bl-istess mod, il-proċedura ta' adozzjoni ta' dan l-att għandha titmexxa b'mod konformi mar-regoli fis-seħħ fid-data ta' din l-adozzjoni.

41 Fir-rigward tal-każ odjern, fl-ewwel lok, il-Kummissjoni ma tistax tinvoka utilment l-imsemmija ġurisprudenza insostenn tat-teżi tagħha.

42 Fil-fatt, għalkemm, ċertament, l-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni 97/413, li kien fis-seħħ fid-data tal-introduzzjoni tat-talba inizjali, baqa', minkejja t-tħassir tiegħu b'effett mill-1 ta' Jannar 2002, applikabbli fir-rigward ta' din it-talba bħala regola materjali li timponi l-kriterji ta' ammissibbiltà ta' żieda fil-kapaċità ta' bastiment tas-sajd, għall-kuntrarju, ma kienet teżisti l-ebda dispożizzjoni fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tad-deċiżjonijiet kontenzjużi, li kienu jagħtu lill-Kummissjoni, bażi legali għall-finijiet ta' din l-adozzjoni. Fil-fatt, l-Artikolu 6(2) tar-Regolament Nru 2792/1999, li kien jinkludi, meta tressqet it-talba inizjali, il-bażi legali li tawtorizza lill-Kummissjoni sabiex tiddeċiedi tali talba, tħassret mill-1 ta' Jannar 2003 u ma ġietx issostitwita minn dispożizzjoni analoga jew tranżitorja li tat lill-Kummissjoni tali bażi legali.

43 Barra minn hekk, peress li r-regoli proċedurali marbuta mal-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 97/413, imsemmija fl-Artikolu 10 ta' din tal-aħħar kif ukoll l-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 2792/1999, ma kinux iktar fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tad-deċiżjonijiet ikkontestati, il-Kummissjoni rrikorriet għal proċedura *ad hoc* li madankollu ma kienet ibbażata fuq l-ebda dispożizzjoni fis-seħħ f'dik id-data.

44 Fit-tieni lok, hemm lok li jiġi kkonstatat li l-argument tal-Kummissjoni bbażat fuq l-applikazzjoni tal-ġurisprudenza naxxenti mis-sentenzi tal-25 ta' Ottubru 2007, SP *et* vs Il-Kummissjoni (T-27/03, T-46/03, T-58/03, T-79/03, T-80/03, T-97/03 u T-98/03, EU:T:2007:317), u tad-29 ta' Marzu 2011, ArcelorMittal Luxembourg vs Il-Kummissjoni u Il-Kummissjoni vs ArcelorMittal Luxembourg *et* (C-201/09 P u C-216/09 P, EU:C:2011:190), huwa bbażat fuq interpretazzjoni żbaljata ta' din tal-aħħar.

45 Fil-fatt, kif tfakkar fil-punt 41 ta' din is-sentenza, l-imsemmija ġurisprudenza tippermetti l-applikazzjoni ta' regoli materjali fis-seħħ fid-data tal-fatti ta' dan il-każ filwaqt li jiġu segwiti r-regoli proċedurali fis-seħħ fid-data li fiha jkun ġiet adottat l-att ikkonċernat sa fejn il-bażi legali li tawtorizza lill-istituzzjoni li taġixxi tkun fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tal-att ikkonċernat. Għall-kuntrarju, kif indika l-Avukat Ġenerali, essenzjalment, fil-punt 92 tal-konklużjonijiet tiegħu, din il-ġurisprudenza ma tistax tiġi interpretata bħala li tippermetti, permezz tal-applikazzjoni ta' prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, l-użu mill-Kummissjoni ta' bażi legali li tkun skadiet, għall-finijiet tal-awtorizzazzjoni tal-applikazzjoni ta' regola materjali, f'dan il-każ l-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni 97/413, sabiex fuqha tibbaża deċiżjoni fuq it-talba inizjali, wara l-annullament mill-qorti tal-Unjoni tad-deċiżjoni inizjali.

46 Fit-tielet lok, il-Kummissjoni ma tistax tallega li l-Qorti Ġenerali ma rrikonoxxietx li bażi legali setgħet tkun impliċita.

47 Fil-fatt, kien b'mod ġust li l-Qorti Ġenerali, filwaqt li għamlet riferiment għas-sentenzi tas-26 ta' Marzu 1987, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (45/86, EU:C:1987:163), u tal-1 ta' Ottubru 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (C-370/07, EU:C:2009:590), indikat, fil-punt 26 tas-sentenza appellata, li r-rekwiżit taċ-ċertezza legali kien jirrikjedi li kull att li jkun intiż li joħloq effetti legali jislet l-effett vinkolanti tiegħu minn dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li għandha tiġi indikata b'mod speċifiku bħala bażi legali u li tistabbilixxi l-forma ġuridika li għandu jkollu l-att.

48 Għalkemm huwa veru li l-ommissjoni ta' riferiment għal dispożizzjoni speċifika tat-Trattat ma tistax tikkostitwixxi vizzju sostanzjali meta l-bażi legali ta' att tista' tiġi stabbilita permezz ta' elementi oħra tiegħu, tali riferiment espliċitu huwa madankollu indispensabbli meta, fin-nuqqas tiegħu, il-persuni kkonċernati u l-Qorti tal-Ġustizzja jitħallew fl-inċertezza fir-rigward tal-bażi legali speċifika (sentenzi tas-26 ta' Marzu 1987, Il-Kummissjoni vs il-Kunsill, 45/86, EU:C:1987:163, punt 9, u tal-1 ta' Ottubru 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, C-370/07, EU:C:2009:590, punt 56).

49 Issa, fil-każ odjern, kif irrilevat il-Qorti Ġenerali fil-punt 36 tas-sentenza appellata, ma kinitx teżisti iktar bażi legali għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet kontenzjużi fit-13 ta' Lulju 2010. Għaldaqstant ma jistax jiġi lmentat li l-Qorti Ġenerali adottat interpretazzjoni stretta tal-prinċipju ta' ċertezza legali f'dan ir-rigward.

50 Barra minn hekk, b'mod kuntrarju għall-allegazzjonijiet tal-Kummissjoni, il-prinċipju ta' effettività tad-dritt tal-Unjoni ma jistax iwassal sabiex, bil-għan li din tkun tista' teżegwixxi l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 266 TFUE, l-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni 97/413 għandu jiġi kkunsidrat bħala bażi legali impliċita li awtorizzatha tiddeċiedi dwar it-talba inizjali.

51 Fir-raba' lok, fir-rigward tal-argument tal-Kummissjoni li s-sentenza appellata kienet toħloq *lacuna* fir-rimedji li għandhom McBride *et*, hemm lok li jiġi rrilevat li dawn tal-aħħar jibqgħu igawdu mill-fakultà li jippreżentaw rikors għad-danni kontra l-Unjoni, li fiha jinvokaw l-illegalità tad-deċiżjoni inizjali.

52 Barra minn hekk, għalkemm mit-termini tal-Artikolu 266 TFUE jirriżulta li l-istituzzjoni li minnha joriġina l-att hija obbligata li tadotta miżuri li jinkludu l-eżekuzzjoni tas-sentenzi tal-qrati tal-Unjoni, din id-dispożizzjoni madankollu ma tispeċifikax in-natura tal-miżuri li għandha tadotta din l-istituzzjoni għall-finijiet ta' tali eżekuzzjoni.

53 Kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punti 70 u 98 tal-konklużjonijiet tiegħu, hija b'hekk l-istituzzjoni kkonċernata li għandha tidentifika dawn il-miżuri.

54 Għaldaqstant ir-raba' aggravju għandu jiġi miċħud.

55 Fil-ħames lok, fir-rigward tal-argument tal-Kummissjoni bbażat fuq il-fatt li s-sentenza appellata kienet tippreġudika l-prinċipju ta' ċertezza legali, jeħtieġ li jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, deċiżjoni li ma tkunx ġiet appellata mid-destinatarju tagħha fit-termini stabbiliti fl-Artikolu 263 TFUE issir definittiva fil-konfront tagħha (ara f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-17 ta' Novembru 1965, Collotti vs Il-Qorti tal-Ġustizzja, 20/65, EU:C:1965:115, u tad-9 ta' Marzu 1994, TWD Textilwerke Deggendorf, C-188/92, EU:C:1994:90, punt 13).

56 Il-prinċipju ta' ċertezza legali, li fuqu hija bbażata din il-ġurisprudenza, b'hekk jimponi li l-validità tad-deċiżjoni inizjali jew tad-deċiżjonijiet li adottat il-Kummissjoni fl-2010 u li kienu favorevoli għal operaturi ta' bastimenti jew li kienu saru definittivi, ma hijiex affettwata mis-sentenza appellata li tikkonċerna biss id-deċiżjonijiet kontenzjużi li ġew issuġġettati għal rikors għal annullament.

57 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud.

Fuq it-tieni aggravju

L-argumenti tal-partijiet

58 Fl-ewwel lok, il-Kummissjoni tallega li l-Qorti Ġenerali kisret l-obbligu tagħha ta' motivazzjoni peress li żnaturat l-argumenti legali li hija ressqet quddiemha u li, konsegwentement, ma weġbitx għal dawn tal-aħħar. F'dan ir-rigward, hija indikat b'mod ċar, minn naħa, li ma setgħetx tuża l-proċeduri previsti mid-Deċiżjoni 97/413, b'tali mod li kellha tirrikorri għal proċedura *ad hoc* u, min-naħa l-oħra, li żżomm is-setgħa li tapplika s-sustanza ta' din id-deċiżjoni, b'mod konformi mal-ġurisprudenza naxxenti mis-sentenzi tal-25 ta' Ottubru 2007, SP *et* Kummissjoni (T-27/03, T-46/03, T-58/03, T-79/03, T-80/03, T-97/03 u T-98/03, EU:T:2007:317), u tad-29 ta' Marzu 2011, ArcelorMittal Luxembourg vs Il-Kummissjoni u Il-Kummissjoni vs ArcelorMittal Luxembourg *et* (C-201/09 P u C-216/09 P, EU:C:2011:190). Dan l-argument marbut mad-distinzjoni bejn ir-regoli proċedurali u r-regoli materjali ma huwiex rifless korrettement fis-sentenza appellata u l-punti 37 sa 44 ta' din tal-aħħar kienu jikkostitwixxu risposta għall-argumenti ta' McBride *et* u mhux għal dawk tal-Kummissjoni.

59 Fit-tieni lok, il-Kummissjoni ssostni li s-sentenza appellata ma tirrispondix għall-kwistjoni ta' ammissibbiltà li qamet fil-Kawża Gill vs Il-Kummissjoni, T-471/10. Hija tindika li, f'dik il-kawża, ir-rikorrent ippreżenta r-rikors tiegħu għal annullament siegħa u wieħed u għoxrin minuta wara l-iskadenza tat-terminu minħabba diffikultajiet tekniċi bil-faks. Għalkemm il-Qorti Ġenerali ma kinitx marbuta li tittratta kull kwistjoni legali miġjuba quddiemha, il-kwistjoni tal-ammissibbiltà fl-imsemmija kawża kellha madankollu tiġi ttrattata b'mod espliċitu.

60 McBride *et* jitolbu ċ-ċaħda tat-tieni aggravju.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

61 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-argument invokat mill-Kummissjoni bbażat fuq ksur mill-Qorti Ġenerali tal-obbligu ta' motivazzjoni, jeħtieġ li jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, l-obbligu ta' motivazzjoni tas-sentenzi impost fuq il-Qorti Ġenerali skont l-Artikolu 36 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 53 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ma jobbligax lil din tal-aħħar li tipprovdi spjegazzjoni li ssegwi b'mod eżawrjenti u wieħed wieħed ir-raġunamenti kollha artikulati mill-partijiet fil-kawża. Il-motivazzjoni tista' għaldaqstant tkun impliċita bil-kundizzjoni li hija tippermetti lil dawk ikkonċernati li jkunu jafu r-raġunijiet li għalihom ittieħdu l-miżuri inkwistjoni u lill-Qorti tal-Ġustizzja li jkollha għad-dispożizzjoni tagħha elementi suffiċjenti sabiex teżerċita l-istħarriġ ġudizzjarju tagħha (sentenza tad-29 ta' Marzu 2011, ArcelorMittal Luxembourg vs Il-Kummissjoni u Il-Kummissjoni vs ArcelorMittal Luxembourg *et*, C-201/09 P u C-216/09 P, EU:C:2011:190, punt 78 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

62 Minn naħa, hemm lok li jiġi kkonstatat li permezz ta' dan l-argument, il-Kummissjoni tirrepeti, essenzjalment, l-argument li hija diġà ressqet insostenn tal-ewwel aggravju tagħha.

63 Min-naħa l-oħra, għalkemm huwa veru li l-argumenti tal-Kummissjoni ġew eżaminati fil-qosor fis-sentenza appellata, xorta jibqa' l-fatt li r-raġunament tal-Qorti Ġenerali huwa ċar u ta' natura li jippermetti kemm lill-Kummissjoni li tagħraf ir-raġunijiet li abbażi tagħhom ġew annullati d-deċiżjonijiet kontenzjużi u li tippreżenta l-appell tagħha, kif ukoll, u dan kif jixhdu d-diversi argumenti li hija żviluppat fil-kuntest tal-ewwel aggravju, lill-Qorti tal-Ġustizzja li jkollha għad-dispożizzjoni tagħha l-elementi suffiċjenti sabiex twettaq l-istħarriġ ġudizzjarju tagħha.

64 Minn dan isegwi li s-sentenza appellata ma hija vvizzjata minn ebda nuqqas ta' motivazzjoni.

65 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-argument tal-Kummissjoni bbażat fuq il-fatt li s-sentenza appellata ma tirrispondix għal kwistjoni ta' ammissibbiltà, hemm lok li jiġi rrilevat li, permezz tad-digrieti tal-1 ta' April 2011, Doherty vs Il-Kummissjoni (T-468/10, EU:T:2011:133), Conneely vs Il-Kummissjoni (T-469/10, mhux ippubblikata, EU:T:2011:134), Oglesby vs Il-Kummissjoni (T-470/10, mhux ippubblikata, EU:T:2011:135), Cavankee Fishing vs Il-Kummissjoni (T-472/10, mhux ippubblikata, EU:T:2011:136) u McGing vs Il-Kummissjoni (T-473/10, mhux ippubblikata, EU:T:2011:137), il-Qorti Ġenerali ċaħdet bħala manifestament inammissibbli r-rikorsi ppreżentati fil-kawżi li taw lok għal dawn id-digrieti minħabba li kienu ġew ippreżentati tardivament.

66 F'kull wieħed mill-imsemmija digrieti, wara li rrilevat li l-faks tar-Reġistru ma kinitx qiegħda tirrispondi, waqt it-trażmissjoni tar-rikors fil-Kawża T-471/10, fis-27 ta' Settembru 2010 fil-23.53 u fil-23.57, ħin tal-Lussemburgu, il-Qorti Ġenerali minn dan ikkonkludiet li, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-ħin medju ta' trażmissjoni tal-faksijiet fil-Kawżi Hugh McBride vs Il-Kummissjoni, T-459/10, Boyle vs Il-Kummissjoni, T-461/10, Flaherty vs Il-Kummissjoni, T-462/10, Ocean Trawlers vs Il-Kummissjoni, T-463/10, Fitzpatrick vs Il-Kummissjoni, T-464/10, Hannigan vs Il-Kummissjoni, T-466/10, u Murphy vs Il-Kummissjoni, T-467/10, anki jekk jiġi preżunt li l-faks tar-Reġistru ffunzjonat b'mod normali, kien biss ir-rikors fil-Kawża Gill vs Il-Kummissjoni, T-471/10, li seta' jiġi trażmess sa nofs il-lejl, il-ħin tal-iskadenza tat-terminu għall-preżentata tar-rikors.

67 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jistax jiġi allegat li l-Qorti Ġenerali ma mmotivatx debitament id-deċiżjoni tagħha li r-rikors fil-Kawża Gill vs Il-Kummissjoni, T-471/10, kien ġie ppreżentat tempestivament.

68 Minn dan isegwi li t-tieni argument u, għaldaqstant, it-tieni aggravju fl-intier tiegħu għandu jiġi miċħud.

69 Konsegwentement, l-appell għandu jiġi miċħud.

Fuq l-ispejjeż

70 Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta appell ma jkunx fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż. Skont l-Artikolu 138(1) ta' l-istess Regoli, applikabbli għall-proċedura ta' appell skont l-Artikolu 184(1) ta' dawn tal-aħħar, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż jekk dawn ikunu ġew mitluba.

71 Peress li l-Kummissjoni tilfet u McBride *et* talbu l-kundanna tagħha għall-ispejjeż, hemm lok li hija tiġi kkundannata għall-ispejjeż.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-appell huwa miċħud.

2) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.

Firem